### *Tkompli mal-ħarġa tal-2014*

# L-oriġini u l-iżvilupp tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat ta' Malta

Kitba ta' Joseph Sultana

**L-għan tal-Fratellanza**

Kien id-dmir li tieħu ħsieb id-dfin tal-imseħbin tagħha. Kien id-dmir li jakkompanjaw il-funerali kemm tal-fqar u kemm tal-għonja kif ukoll jieħdu ħsieb id-difna. Tieħu sehem fl-akkumpanjament tal-Vjatku lill-morda u lill-moribondi kemm fi djarhom u kemm mill-isptar ta' Santu Spiritu li fil-bidu kien ġewwa l-belt tal-Imdina u wara ġie trasferit fir-Rabat. Dawk il-foqra li ma kienx ikollhom flus biex jixtru tebut il-Fratellanza kienet tipprovdilhom it-tebut tagħha għal difna xierqa. Il-Fratellanza ta' San Ġużepp kellha d-dritt ukoll li takkumpanja l-ikkundannati għall-mewt sa fuq il-forka.[56] F'dak iż-żmien fil-belt tal-Imdina kien hemm il-*Corte Capitanale*, din il-Qorti tal-ġustizzja kienet konġunta mal-Palazz Maġisterjali għal mijiet ta' snin, fejn fil-kantini ta' dan il-Palazz insibu ħabs imdaqqas. Għal dawk l-imsejkna li kienet tinqatgħalhom għall-mewt kienet tieħu ħsiebhom il-Fratellanza u wara l-mewt fuq l-forka takkumpanja l-katavru sal-kappella ta' Santa Marija Maddalena għad-difna. Din il-kappella tinsab fir-Rabat fiċ-ċimiterju ta' San Pawl. Din il-ħidma, baqgħet issir sakemm ġie abolit il-Kunsill tal-Università tal-Imdina fis-sena 1819.[57] Għal dawn il-ħidmiet il-Fratellanza ta' San Ġużepp ġiet mogħtija l-privileġġ mill-Gvern Muniċipali tal-Imdina li jiġu meħlusa mill-obbligu tas-servizz militari fl-1584.[58] Waħda mill-obbligi li għandha l-Fratellanza hija li kull fratell irid jieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u jieħdu sehem flimkien mal-konsorelli jipparteċipaw fis-seba' visti tas-"*Santi Sepolcri.*"[59]

Aktar 'il quddiem ktibna fuq il-kwistjoni tal-preċedenza li kienet inqagħlet bejn il-fratellanza ta' San Ġużepp u dik tar-Rużarju u dik ta' Ħ'Attard. Aktarx li din inqalgħet meta darba fis-sena nhar it-12 ta' Marzu ssir il-festa ta' San Girgor l-Kbir. Il-Fratellanzi kollha ta' Malta kienu jiltaqgħu fil-Katidral tal-Imdina u mal-Kapitlu Metropolitan, il-kappillani u qassisin, kienu jieħdu sehem f'purċissjoni lejn il-knisja parrokkjali ta' Santa Katerina (iż-Żejtun). San Girgor hu invokat kontra l-pesta għaliex fis-sena 590 ftit wara li laħaq papa hu organizza purċissjoni twila biex Alla jeħles lil Ruma mill-pesta. F'Malta l-istoriċi ma jaqblux bejniethom meta bdiet din il-purċissjoni, ħafna jsostnu li bdiet fi żmien il-pesta s-sewda tal-1347-48. Fl-Arkivju tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, hemm dokument fejn jgħid meta bdiet il-purċissjoni ta' San Girgor: Goffredus Birardus Isqof ta' Malta b'dan li ġej f'privileġġ tal-Konti Ruġġieru s-sena 1095 dwar ċerti beni li jappartjenu lill-Knisja ta' Palermo fis-sena (1095) ġie elett Isqof ta' Malta fi żmien il-Papa Alessandru IV; Birardus ta' Malta li ġie kkonsagrat mill-Isqof ta' Sirakuża; dan l-Isqof twajjeb tagħna għamel il-wegħda tal-Purċissjoni ta' San Girgor Papa, u huwa stess mar ħafi mill-Knisja Katidrali sal-Knisja ta' Santa Katerina taż-Żejtun, liema Knisja hija l-aktar 'il bogħod mill-Belt Notabile, u dan sar minħabba l-assedju tat-Torok li fih San Pawl Appostlu deher qalb l-għedewwa mirakolożament riekeb fuq żiemel u għamel ħerba hekk kbira, li mwerwrin u bla tama f'dak il-ħbit ħallew il-Gżira ta' Malta fil-libertà. Dan kollu wkoll jinsab imniżżel f'kitba li hemm fil-Kanċellerija ta' Catania. F'dan id-dokument hemm informazzjoni żbaljata għax dan l-assedju ġara fl-1429 meta kien Isqof Maurus Calì O.S.B. u mhux Goffredus Birardus li kien Isqof ta' Malta fl-1099.

Meta din il-purċissjoni kienet tasal qrib Santa Katerina, il-poplu jgħajjat tliet darbiet: Ħniena! Ġann Franġisk Abela jsemmilna li l-irġiel li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-purċissjoni jinżgħu sa qaddhom bħala sinjal ta' penitenza u jsawtu lilhom infushom, flaġellanti b'sinjal ta' penitenza kontra l-pesta.[60]

Dan juri l-qedem ta' din l-Fratellanza ta' San Ġużepp li llum hi l-unika Fratellanza li għadha tieħu sehem f'din il-purċissjoni penitenzjali ferm antika. Llum meta l-purċissjoni tasal qrib il-knisja ta' Santa Katerina, il-fratelli minflok jinżgħu sa qaddhom biex isawtu lilhom infushom, li llum mhux permess mill-knisja lokali, il-fratelli jilbsu l-kapoċċ ġo rashom bħala sinjal ta' penitenza.

Ferm ħafna qabel id-data tal-1668 fil-ġimgħat kollha tar-Randan kienu jagħmlu l-Misteri tal-Passjoni. Fl-ewwel ġimgħa tar-Randan kienu joħorġu l-vara ta' Kristu fl-Ort tal-Ġetsemani fejn kienet issir prietka ħafna drabi minn Patri Franġiskan Osservanti fuq dan il-Misteru. Wara l-fratelli kienu jagħmlu d-dixxiplina, din kienet tikkonsisti fejn in-nisa u t-tfal kienu joħorġu barra mill-Oratorju ta' San Ġużepp, fejn kienu jsiru dawn il-funzjonijiet tar-Randan, u l-fratelli kienu jsawtu lilhom infushom bil-kurdun li jġibu fuq il-konfratija tagħhom, filwaqt li jkantaw is-Salm "Miserere" u jgħidu talb ieħor. Dan kien isir bħala att ta' penitenza fejn din id-drawwa kienet tiġi repetuta matul il-ġimgħat kollha tar-Randan. Din il-funzjoni kienet tispiċċa bil-benedizzjoni tar-Relikwija tas-Salib.[61]

Din l-użanza ferm antika tal-flaġellazzjoni bħal ma ktibt qabel kienu jwettquha l-Fratellanzi antiki medjevali kemm fi Spanja u kemm ġewwa Sqallija. Dan juri kemm hi antika l-fratellanza fejn din hija l-eqdem użanza dokumentata minn Fratellanza f'pajjiżna.


L-Oratorju, ritratt meħud għall-ħabta tal-Pietro Gagliardi 1930

**Is-Sede uffiċjali tal-Arċikonfraternità**

Għalkemm din il-Fratellanza kienet tiffunzjona fl-Imdina u fir-Rabat qabel ma ġew fostna l-patrijiet Franġiskani Osservanti fis-seklu ħmistax, ma nafux eżatt fejn kienet is-Sede uffiċjali tagħha. Imma minn dokumenti antiki l-imseħbin ta' din il-konfraternità aktarx li kienu jiltaqgħu ġo knisja żgħira ta' Santa Margerita li kienet waħda minn 22 kappelli li kienu twaqqfu fuq iċ-Ċimiterju ta' San Pawl.[62]


Il-kappella ddedikata lil San Ġużepp, it-titular tpitter 1874

Iżda malli nbena l-kunvent u l-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fl-1500 mill-ewwel kellhom il-kappella ddedikata lil San Ġużepp bil-ġuspatronat u s-*Sede* tal-Arċikonfraternità tal-istess Qaddis. Jidher li għall-ewwel kienet ukoll tiffunzjona bħala Sede iżda minħabba spazju limitat jidher li sar ftehim mal-patrijiet li l-laqgħat isiru fis-sala tal-kunvent.

Fil-konsulta tal-fratelli tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp li saret nhar il-21 ta' Lulju tal-1669 ġie deċiż li jibnu mill-ġdid din il-kappella kif nafuha llum.[63]

Mhux ser nidħol kemm jinstabu xogħlijiet tal-Arti f'dan is-Sede iżda ħa nillimita ruħi għal dawk li għandhom konnessjoni mal-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu u oħrajn ta' valur antik li għandu x'jaqsam mal-Fratellanza.

F'din il-kappella nsibu niċċa bi xbieha devota tal-*Ecce Homo*. Din in-niċċa kienet saret f'din il-kappella fl-1788.[64] Dan il-bust ta' *Ecce Homo* skont inventarju antik kellu kuruna maħduma mill-filugranu, mogħtija minn Ġużeppi Żammit fl-1850.[65]

Fl-1664 beda jinħass il-bżonn biex il-fratelli



*Ecce Homo maħdum mill-kartapesta aktarx tal-1785*



*Statwa żgħira ta' Marija Addolorata mogħtija mill-Barunessa Maria Tereza D'Amico Inguanez*

jkollhom post ikbar fejn jiltaqgħu u jagħmlu s-servizzi liturġiċi tagħhom. Kien għalhekk li nhar is-26 ta' Lulju 1665 bil-permess tal-patri Viżitatur Ġenerali Antonio Carasello u l-patrijiet Franġiskani Osservanti li taw biċċa art mill-ġnien tal-kunvent. Sar kuntratt quddiem in-Nutar Nicolò Allegretto biex il-Fratellanza jibnu Oratorju kbir imniffed mal-kappella ta' San Ġużepp: *satis amplum et multorum sodalium optima capax,* dan kien iwassal sa fejn illum hemm il-pulptu u l-kattedra.[66] Kienu ħafna l-benefatturi li taw il-flus għall-bini ta' dan l-Oratorju, fosthom in-Nobbli Cosmanna Navarra li kienet tat 500 skud, il-Kavallier Testaferrata u l-kanonku Kapitulari Dun Antonio Testaferrata.[67] Waqt l-iskavar biex jinbena l-Oratorju, il-ħaddiema sabu lapida tal-irħam b'kitba Griega li meta ġiet tradotta mill-istoriku Ciantar, tgħid li taħtha hemm jistrieħ Domesticus, venerabbli nisrani u tabib li dam jgħix 73 sena u miet f'dak il-lok jum qabel il-Kalendi ta' Frar fis-sena 810.[68]

Din kienet sejba verament rari tal-perjodu Nofsani Bikri ftit snin qabel il-miġja tal-Għarab. Lejn l-aħħar tas-seklu 18, beda jinħass il-bżonn li jitkabbar dan l-Oratorju l-ewwel biex isiru niċeċ kbar biex jiġu konservati l-istatwi ta' San Ġużepp u l-istatwi tal-Passjoni li jinħarġu proċessjonalment fil-Ġimgħa l-Kbira, fejn kienu qegħdin tiġrilhom ħafna ħsara. Infatti nsibu dokument li jsemmi li fl-1757 l-istatwi ta' Kristu fl-Ort u l-oħra tal-Imgħobbi tant kellhom ħsara li ma setgħux jiġu esposti għall-qima tal-insara u lanqas biex joħorġu proċessjonalment fil-Ġimgħa l-Kbira.

Għalhekk iddeċidew li jagħmluhom ġodda. Fl-istess sena, qablu li jiżdiedu żewġ statwi oħra dik ta' Marija Addolorata f'riġlejn is-salib u dik tal-Irxoxt. Fl-istess żmien saret ukoll niċċa sempliċi għall-*Ecce Homo*.[69] It-tieni biex dan ikun Sede privileġġat, esklussiv li jaqdi aħjar il-funzjoni tal-awla fejn jiltaqgħu l-membri tal-Arċikonfraternità, jitolbu, iwettqu u jipprogrammaw il-ħidma tagħhom b'Direttur Spiritwali membru tal-istess Kunvent.[70]

Dan kien fi żmien ir-Rettur tal-Arċikonfraternità n-Nutar Emmanuele Vitale.

Imma biex jitkabbar dan l-Oratorju kellhom jgħaddu 36 sena, minħabba kwistjonijiet politiċi kbar fil-pajjiż. Waslet l-invażjoni Franċiża, l-Ordni ta' San Ġwann ġie mkeċċi mill-pajjiż wara ħakma ta' 268 sena u bdiet il-ħakma tal-Imperu Brittaniku.[71] Dan it-tkabbir tal-Oratorju daħal għalih il-benefattur kbir in-Nutar Giuseppe M. Azzopardi.

F'dan l-Oratorju nsibu barra l-istatwi li joħorġu proċessjonalment fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira statwa żgħira ta' Marija Addolorata li tinsab ġo niċċa żgħira fuq in-naħa tax-xellug hekk kif tidħol f'dan is-Santwarju.

Kurċifiss devot li narawh ukoll f'niċċa tal-kewba li tinsab f'nofs dan l-Oratorju. Dawn iż-żewġ opri kienu ġew mogħtija lill-Arċikonfraternità



*Kurċifiss mogħti wkoll mill-Barunessa Maria Tereza D'Amico Inguanez fl-1881*

mill-Barunessa Maria Tereza D'Amico Inguanez fl-1881.[72]

F'dan l-Oratorju nsibu wkoll żewġ statwi ta' San Ġużepp waħda li toħroġ proċessjonalment kull sena fil-festa ta' 19 ta' Marzu u l-oħra ta' San Ġużepp ix-Xiħ jgħidulha hekk minħabba l-qedem tagħha. Din l-istatwa hi ta' valur kbir għall-istorja tal-Arċikonfraternità u għall-istorja ta' pajjiżna. Ta' min jgħid li l-festa ta' San Ġużepp f'Malta saret "kmandata u pubblika" 113-il sena qabel il-Papa Gregorju XV fl-1621, iddikjara l-Festa ta' San Ġużepp tad-19 ta' Marzu, bħala festa kmandata għall-insara tad-dinja kollha. Kien fis-16 ta' Ġunju 1508 li l-Kapitlu tal-Katidral flimkien mas-Senat tal-Università tal-Imdina (li kien il-Gvern ta' Malta ta' dak iż-żmien) kienu qablu u ddikjaraw flimkien li l-Festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu tibda tiġi ċċelebrata u osservata bħala festa kmandata u festa pubblika għal Malta kollha.[73]

Għalhekk il-Kapitlu Metropolitan tal-Imdina u s-Senat tal-Università bdew jiġu proċessjonalment mis-sena ta' wara sal-ġurnata tal-lum. Is-Senat waqaf jagħmel hekk sakemm ġie xolt fl-1818.

L-istatwa ta' San Ġużepp ix-Xiħ, nixtieq nidħol aktar fid-dettall dwarha għax din l-istatwa hija wisq antika u devota għall-Arċikonfraternità, l-eqdem statwa ta' San Ġużepp f'Malta, infatti hija relikwija. Jeżistu ħafna teoriji imma b'dispjaċir dwarha ma għandna l-ebda ħjiel dokumentat dwar l-oriġini



*San Ġużepp "ix-Xiħ" l-eqdem statwa ta' San Ġużepp*

tagħha. Din l-istatwa hi ta' valur kbir għall-istorja. L-ewwel u qabel kollox din kienet aktarx teżisti qabel il-wasla tal-Kavallieri f'Malta. Għalhekk għandha rabta mill-qrib mal-Ordni ta' San Ġwann.[74] Ma nafux jekk l-istatwa waslitx bħala biċċa mill-wirt li l-Kavallieri ġabu magħhom minn Rodi u wara ġiet mogħtija mill-Gran Mastru Phillippe Villiers de l'Isle Adam benefattur kbir tal-kunvent li fih miet fil-21 ta' Awwissu 1534.

Skont l-istudjuż marittimu Joseph Muscat aktarx li din l-istatwa kienet tagħmel parti mill-pruwa tal-"Gran Karrakka Sant'Anna" fejn din ġiet żarmata fl-1540 b'ordni tal-Gran Mastru D'Omedes.

L-istil tal-Bambin huwa differenti minn dak ta' San Ġużepp, filwaqt li l-Bambin huwa stil barokk moderat l-istatwa ta' San Ġużepp hija medjevali skolpita minn massa ta' njam, xogħol daqsxejn goff għal fuq il-baħar. Xhieda oħra hija li d-dahar tagħha huwa ċatt, indikazzjoni li din kienet ingastata mal-qafas li jagħlaq il-pruwa.[75]

It-teorija ta' Dr Giovanni Bonello, jgħid li l-istil tal-figura hija medjevali u aktarx ta' San Ġwann Almoner jew Elemozinier qaddis li għalih l-Ordni kellha devozzjoni kbira. Hu jikkwota li għall-ewwel poġġewha f'kappella li kien hemm bejn Bormla u Ħal Tarxien iddedikata lil dan il-qaddis. Fl-1678 din l-istatwa tneħħiet u ġiet mogħtija lill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp mill-Isqof





*Il-Gran Karrakka 'Sant'Anna' Disinn tal-pruwa tal-karrakka 'Sant'Anna' fejn kienet maħsuba l-istatwa ta' San Ġużepp*

Michael Hier. de Mollina.[76] It-teorija ta' Buhagiar u Fiorini studjużi tal-arti jgħidu li l-istatwa ta' San Ġwann Almoner li jitkellem fuqha Bonello tinsab fil-kappella ta' San Karlu Borromeo f'San Ġwann qrib l-Oratorju fejn poġġewha fl-1858. Filwaqt li t-tnejn l-oħra, San Ġwann, illum jinsab fil-knisja ta' Ħad-Dingli u San Ġakbu ġie trasformat f'San Ġużepp.[77] Buhagiar jaqbel ukoll ma' Bonello li hu dubjuż jekk l-istatwa saritx bl-intenzjoni li tiffigura lil San Ġużepp, u l-Bambin ġie miżjud aktar tard. Mario Buhagiar jgħid li fit-12 ta' Novembru 1678 l-Isqof Michael Molina ta l-permess lill-fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat biex torganizza purċissjoni f'ġieħ San Ġużepp. Is-supplika lill-Isqof kienet saret mir-Rettur tal-fratellanza Bartolomeo Borg.[78] Imma skont l-arkivju tal-fratellanza Bartolomeo Borg kien Rettur mhux fis-sena 1678, imma fis-sena 1667 kien ukoll 1671 u fis-sena 1674.[79] Jista' wkoll ikun li s-supplika lill-Isqof saret fuq talba ta' waħda minn dawn is-snin. Fl-inventarju tal-Arċikonfraternità tal-1662 hemm miktub mis-segretarju Dun Domenico Farrugia li f'dak iż-żmien kien hemm żewġ statwi ta' San Ġużepp, waħda manikin statwa mlibbsa li kienu komuni f'dak iż-żmien, u oħra indurata. Wieħed għalhekk jista' jikkonkludi li sakemm wieħed ikun jaf liema kienet din l-istatwa ma jistax jassumi l-ebda teorija kemm ta' Bonello u kemm ta' Buhagiar u Fiorini kif waslet din l-istatwa għand l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp.

Dan ma jnaqqas xejn mid-devozzjoni kbira li għandha din l-istatwa u baqgħet tintuża għall-okkażjonijiet speċjali. Fir-reġistri tal-konsulti tal-Fratellanza nsibu li fis-sena tal-1767 kien hawn nixfa kbira, ix-xita kienet nieqsa għal diversi xhur. Ġie deċiż fl-10 ta' April li ssir purċissjoni penitenzjali ħalli bl-interċessjoni ta' San Ġużepp il-Mulej jibgħat ix-xita fejjieda. Il-purċissjoni saret il-Ħadd 26 ta' April, fiha ħadu sehem il-komunità, il-fratelli u l-komunità Franġiskana fejn il-purċissjoni marret lejn il-knisja l-qadima ddedikata lill-Purifikazzjoni tal-Verġni Mbierka, li kienu jsejħulha *Ta' Xewxa* qrib il-Buskett. Pellegrinaġġ ieħor għall-istess raġuni sar fi 30 ta' Marzu tal-1788 fejn kienu marru fl-istess kappella qrib il-Buskett. Din id-darba ħadu sehem mal-fratelli u l-komunità Franġiskana l-Patrijiet Karmelitani tal-Imdina. F'dawn iż-żewġ każi l-grazzji ġew maqlugħa b'abbundanza ta' xita. Pellegrinaġġ ieħor għan-nuqqas kbir ta' xita sar fl-4 ta' Marzu, 1804, din id-darba mexa lejn il-knisja ta' Ħad-Dingli. F'dan il-pellegrinaġġ barra l-Arċikonfraternità u l-Franġiskani Minuri ħadu sehem is-senat tal-Imdina l-patrijiet Dumnikani u l-Franġiskani Konventwali. L-istatwa antika u mirakoluża ta' San Ġużepp ix-Xiħ inġarret minn erba' fratelli. Wara tmint ijiem infetħu bwieb is-sema u ssaqqiet l-art niexfa ta' gżiritna.

Fir-reġistru tal-konsulti, għandna deskrizzjoni ferm dettaljata tal-pellegrinaġġ li kien sar fl-1825. F'dak iż-żmien saret talba mill-Gwardjan u Rettur biex jingħataw il-permess jorganizzaw purċissjoni ta' penitenza mill-knisja Ta' Ġieżu għal dik tal-Mosta fl-ewwel Ħadd tas-sena bl-istatwa ta' San Ġużepp *ix-Xiħ*. F'dik is-sena ma kienet għamlet kważi xejn xita. Il-pellegrinaġġ telaq fit-2 ta' Jannar bis-sehem tal-Arċikonfraternità l-patrijiet Franġiskani flimkien mas-saċerdoti u l-kleru djoċesan, fl-aħħar inġarret l-istatwa mirakoluża ta' San Ġużepp b'kotra kbira ta' nies warajha. Meta waslu l-Mosta l-pellegrinġġ ġie milqugħ bi kwantità ta' nies, sar ħafna talb u prietka minn Patri Feliċjan Kapuċċin. Ftit ġranet wara li ntemm dan il-pellegrinaġġ għamlet xita



*Il-ġebla li nstabet, fil-faċċata hemm skolpit Ecce Homo u fil-ġnub hemm is-simboli tal-imsiemer u l-qasba u lanza*

bl-abbundanza. Saret quddiesa fil-kappella ta' San Ġużepp bħala ringrazzjament u tkanta t-*Te Deum* u l-antifona *Joseph Fili David*. Kull meta kienu jsiru dawn il-pellegrinaġġi l-fratellanza kienu joħorġu magħhom xkora forma ta' kabozza biex jipproteġu l-istatwa mix-xita. Sas-snin tletin din kienet għadha teżisti iżda ġara li biż-żmien tmermret għalkollox. Kultant l-istatwa kienu joħorġuha fil-knisja biex isir talb speċjali bħal meta fl-1850 kien hawn il-flaġell tal-pesta u fl-1855 il-flaġell tal-kolera, bħal ukoll fit-12 ta' Ottubru, 1856 terremot qawwi laqgħat lil gżiritna u għamel ħafna ħsara.[80]

Imma l-qofol ta' din l-istatwa mirakoluża sar fl-1 ta' Mejju, 1963 meta l-Arċisqof Michael Gonzi nkuruna din l-istatwa storika b'kuruna ta' deheb fin ġewwa l-Furjana quddiem eluf kbar ta' nies.

Taħt il-kappella u l-Oratorju nsibu l-kannierja fejn fiha hemm midfuna l-fdalijiet tal-fratelli u konsorelli tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Oriġinalment din ġiet skavata taħt l-art tal-kappella ta' San Ġużepp bejn l-1669 u 1671. Imma meta ġie mkabbar l-Oratorju ġiet skavata l-kannierja wkoll fl-1769 u ġiet imkabbra għal darb'oħra fl-1839. Ħaġa interessanti hija li waqt restawr riċenti ta' din il-kannierja nstabet ġebla li l-iskop tagħha mhux ċar għalkollox, aktarx li kienet isservi ta' pedestall għal xi salib tal-ġebel.

**Referenzi**

[56] *Ibid.*

[57] Casha. Ara ukoll Scerri. p16-17.

[58] *Ibid.*

[59] Scerri. p.19.

[60] Bezzina. p.97. Ara ukoll V.J.Galea, *Il-Knisja ta' San Qużman*. p.21-31.

[61] Scerri.p.30.

[62] E. B. Vella. *L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina.*

[63] p.20-21.

[64] Anthony Casha. *Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat.*

[65] Scerri.p.50.

[66] Aquilina. p. 252.

[67] Casha.

[68] Scerri.p.23.

[69] Alexander Bonniċi. OFM Conv. *Il-Fratellanza ta' San Ġużepp, l-Oratorju, u l-Festi bejn 1743 u 1761. Leħen il-Komunità Ġużeppina.*

[70] Aquilina. p. 252.

[71] Anthony Casha. *Nutar Emmanuele Vitale 1759-1802.* Emmanuele Vitale jixraqlu aktar rikonoxximent fl-istorja ta' pajjiżna bħala mexxej għaqli u ħellies tal-poplu Malti. In-Nutar Emmanuele Vitale kien devot kbir ta' San Ġużepp u membru attiv fl-Arċikonfraternità. Fi 19 ta' April 1789 ġie maħtur wieħed mit-tliet Prokuraturi tal-Ġimgħa l-Kbira jew kif kienu jissejħu dak iż-żmien *Procuratore del Venerdi Santo*. Kariga li baqa' fiha sal-1791.Tliet snin wara fl-elezzjoni tal-Uffiċjali li saret fil-21 ta' April 1794, huwa ġie elett għall-ogħla kariga fi ħdan l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, dik ta' Rettur. Meta l-Franċiżi bdew jikkonfiskaw id-deheb, il-fided u ħaġar prezzjuż mill-knejjes, Emmanuele Vitale beda jaħdem minn taħt kontra l-ħakkiema Franċiżi. Fit-2 ta' Settembru 1798, is-suldati Franċiżi telgħu biex jikkonfiskaw il-lampieri tal-fidda u oġġetti oħra prezzjużi mill-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù u l-Oratorju tal-Arċikonfraternità. Imma n-Nutar Vitale kien diġà għarraf kollox lill-fratelli x'kienu ser iwettqu. Għalhekk il-fratelli rrabjati u folla mir-Rabat u l-Imdina nġabret madwar il-knisja Ta' Ġieżu mqanqla minn diskors patrijottiku ta' Emmanuele Vitale, fixklet u attakkat lis-suldati Franċiżi u saħansitra qatlet lill-mexxej tagħhom Louis Masson fejn xegħlet il-ġamra tar-rewwixta ma' Malta kollha kontra l-ħakkiema Franċiżi. Fl-istess ġurnata, il-Maltin ħatru lil Nutar Emmanuele Vitale bħala l-mexxej ewlieni tagħhom. Hu kien jaf dan il-mexxej qalbieni, li kieku ma rnexxietx

din ir-rivolta hu kien jispiċċa iffuċċillat bħal patrijotti oħra Maltin.

[72] Anthony Casha. *Tagħrif dwar il-Veneranda Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, il-Kappella u s-Santwarju Nazzjonali ta' San Ġużepp Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Patrijiet Franġiskani Rabat tal-Imdina*. p.7.

[73] Qegħdin inġibu t-test sħiħ tad-dokument tad-dikjarazzjoni li biha l-festa ta' San Ġużepp bdiet tiġi ċċelebrata b'solennità. Din id-dikjarazzjoni nkitbet bil-Latin fl-1508 u ġiet tradotta għall-Malti mill-mibki Rev. Patri Ġużepp Beneditt Xeureb O.F.M. u Rev. Kan. Dun Ġwann Azzopardi fl-1982. "L-Imħabba ħerqana u l-qima mħeġġa li kemm il-kleru kif ukoll il-poplu ta' Malta dejjem kellu, u għandu llum ukoll, lejn il-Patrijarka San Ġużepp, ġiegħel lill-Kapitlu u lill-Kunsill Ġenerali jiltaqgħu flimkien biex tiegħu, jiddeċiedu li l-festa tal-Qaddis Patrijarka tiġi ta' kull sena ċċelebrata b'solennita għal dejjem u għaż-żminijiet kollha, kien imnebbah mis-sema. Għalhekk qatgħuha li, ad unur ta' San Ġużepp il-Missier Putattiv tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, ikun jaqbel li jitniżżel bil-miktub dak li kien intqal bil-fomm bejn il-Katidral ta' Malta. Hekk il-fidili tal-lum u ta' għada wkoll ikollhom xi jfakkarhom f'dak li ntlaħaq ftehim dwaru mingħajr ħadd ma kien kuntrarju li l-festa ta' San Ġużepp, għaż-żminijiet kollha li ġejjin u għal dejjem, tiġi mħarsa li jmorru kontra dan, jaqgħu fil-pieni u ċ-ċensuri mniżżlin fil-liġi u stabbiliti mill-konswetudini. U biex jitfakkar dan il-permess u ordni għal-festa li semmejna u tiġi ċċelebrata kull sena kif għidna qed tiġi reġistrata din il-kitba. Għaldaqstant sar dan il-privileġġ u ġie msaħħaħ mill-firem ta' dawk kollha li isimhom jidher hawn taħt u mwettaq bis-siġill tagħhom. Maħruġ Malta. 16 ta' Ġunju,1508.
Nos Petrus Xeberras Locum Tenens Offici Vicari, Petrus de Stunica Jucarto Ego Manfred's de la Habica Juratus, Matteu Cesar Jurato, Reverendus Dominus Locum Tenes Domini Vicari. Fl-assenza tiegħu qabbad lil Domino JAcobo de Vassallo Manifico Notario."

[74] J.C.Camilleri. *L-istatwa ta' 'San Ġużepp ix-Xiħ' L-eqdem statwa Ġużeppina f'Malta. Il-Mument 19 ta' Marzu 2000.*

[75] Joseph Muscat. *L-istatwa ta' San Ġużepp 'ix-Xiħ'. In-Nazzjon, 22 ta' Settembru 1997.*

[76] J.C.Camilleri.

[77] *Ibid.*

[78] Alexander Bonniċi. *Kwadri u Statwi Inkurunati f'Malta u Għawdex.p.120.*

[79] Scerri.p.62.

[80] *Ibid.*


PARAMOUNT GARAGES

257, Constitution Street,
Mosta



Malta's Largest
Bus Hire Fleet
including
Mini Buses
& Chauffeur
Driven Cars

**Tel: 2143 2001, 2141 0220, 2141 1193 • Fax: 2141 2187**